**23 ta' Ġunju, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Salvu Azzopardi

**Riċettazzjoni — Art. 348 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi teżimi mill-piena r-riċettatur li, qabel xejn ma tibda titmexxa l-proċedura kriminali kontra tiegħu, u fi żmien tlitt ijiem mill-jum tar-riċettazzjoni, jagħti f'idejn l-awtorità kompetenti l-oġġett tar-riċettazzjoni u jikxef l-awturi tar-reat. Din l-indulġenza leġislattiva, però, ma hix applikabbli meta dak li hu kontemplat mil-liġi, kif hawn fuq, isir wara li l-Pulizija tkun, fil-kors tal-indaġini tagħha, diġa' qegħdha tiddiriġi l-investigazzjoni tagħha fuq l-imputat riċettatur u tkun sejra tinterrogah.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-15 ta' ta' Mejju 1962, l-imsemmi Azzopardi ġie misjub ħati talli xjentement laqa' għandu u xtara għodda tal-bini li huma misruqa, li jiswew aktar minn £3 iżda anqas minn £10, għad-dannu ta' Francis Mizzi, u ġie kundannat għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien sitt ġimgħat;

Issa l-kundannat appella, u talab li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-motivi ta' aggravju dedotti fir-rikors tal-appell, u sottomessi lil din il-Qorti fil-kors tal-argumenti quddiemha, huma kollha adegwatament superati bil-konsiderandi assennati kontenuti fis-sentenza in diżamina; ma' liema konsiderandi, u l-konklużjoni fuqhom bażata, din il-Qorti taqbel, u ma ssib xejn utili x'iżżid magħhom. Hemm motiv wieħed, però, li jixraq li jiġi kommentat f'din il-pronunċja tal-lum;

L-appellant talab l-applikazzjoni tal-proviso tal-art. 348 Kap. 12 li jeżimi mill-piena r-riċettatur li, qabel xejn

ma tibda titmexxa l-proċedura kriminali kontra tiegħu, u fi żmien tlitt ijiem mill-jum tar-riċettazzjoni, jagħti f'idejn l-awtorità kompetenti l-oġġett tar-riċettazzjoni u jikxef l-awturi tar-reat. L-inapplikabbilità ta' din l-indulġenza leġislattiva hi ovvja fil-fattispeċje. It-terminu żgur kien għadda, anki skond dak stess li qal l-appellant. Mhux biss, imma ġie fir-raġun deċiż minn din il-Qorti li dak il-proviso ma hux applikabbli meta dak li hu kontemplat fil-proviso jsir "wara" li l-Pulizija tkun, fil-kors tal-investigazzjoni tal-każ, diġà qegħdha tiddiriġi l-indaġini tagħha fuq l-imputat riċettatur u tkun sejra tinterrogah, bħal ma ġara f'dan il-każ (App. "Pulizija vs Bartolo", 28 ta' Ġunju 1958);

Kwantu għall-piena, ma hemm xejn eċċessiv fiha; mhux biss in bażi għall-prinċipju antik tad-Dritt Ruman li "non furta exercere possint nisi sint qui refugium praestent", imma anki attiża l-fedina penali torbida tal-appellant;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-imputat u tikkonferma s-sentenza appellata.